MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1060/2005

**Motor Insurance Pool gia Omnibus Pool**

**Vs**

**Andrew Abela**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta’ Mejju 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm247.84 (mitejn sebgha u erbghin Lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu) b’referenza ghal danni kagunati f’incident awtomobilisitku li sehh nhar it-13 ta’ Novembru 2000 fil-Furjana.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Premess illi b’ittra ufficjali taghha tat-12 ta’ Marzu 2001, l-attrici ghamlet riferenza ghal incident awtomobilistiku li gara Floriana fit-13 ta’ Novembru 2000 meta waqt li

Gordon Borda kien qed isuq bus Nru EBY 619, propjeta` tal-konvenut u assikurata mill-attrici, saret habta mal-vettura Nru IGY 021, propjeta` ta' Alfred Pace;

Premess illi f'dik l-ittra ufficjali l-attrici kienet avzat lill-konvenut li ghalkemm huwa kien qed isostni li x-xufier tieghu Gordon Borda ma kellux htija fl-incident hija kienet tal-fehma li l-istess Gordon Borda kien fil-fatt unikament responsabbli ghall-incident pero` minhabba l-opposizzjoni tal-konvenut l-attrici ma kenitx se taghmel tajjeb bonarjmanet ghad-danni tat-terz;

Premess illi f'dik l-ittra ufficjali l-attrici avzat ukoll lill-konvenut li fil-kaz li t-terz jaghmel kawza kontra tieghu jew kontra x-xufier tieghu u javza lill-attrici b'ittra ufficjali skond il-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta li saret din il-kawza, l-attrici kienet se tkun obbligata skond il-ligi li thallas lit-terz fil-kaz ta' sentenza definittiva b'esitu sfavorevoli ghall-konvenut jaw ghax-xufier tieghu;

Premess illi f'dik l-ittra ufficjali l-attrici avzat lill-konvenut li jekk tkun hekk obbligata hija kienet se tesigi rifuzjoni minghand il-konvenut tal-interessi, tal-ispejjes gudizzjarji u VAT skond il-kaz flimkien mal-excess skond il-polza ta' assikurazzjoni;

Premess illi b'ittra ufficjali tal-1 ta' Lulju 2003, Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Pace u cioe` it-terz u l-istess Alfred Pace avzaw lill-attrici li dakinhar stess kienu ppresentaw il-kawza kontra Gordon Borda;

Premess illi din il-kawza fl-ismijiet "Middle Sea Insurance plc et vs Gordon Borda" (Avviz Nru 1319/2003JB) kienet deciza kontra l-konvenut mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-22 ta' Jannar 2004 u ghaddiet in gudikat;

Premess illi kie kienet obbligata skond il-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attrici hallset lit-terz total ta' elf u erbatax-il lira sittin centezmu (Lm1014.60c) in kwantu ghal Lm863.76c bhala danni u kwantu ghal Lm150.84c bhala spejjes gudizzjarji;

Premess illi b'ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 2004, l-attrici interpellat lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' mitejn sebgha u erbghin lira erbgha u tmenin centezmu (Lm247.84c) in kwantu ghal Lm150.84c bhala spejjes gudizzjajrji tat-terz u kwantu ghal Lm97 bhala "policy excess';

Premess illi l-konvenut baqa` inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandux ihallas lill-attrici ghar-ragunijiet premessi s-somma ta' mitejn sebgha u erbghin lira erbgha u tmenin centezmu (Lm247.84c) in kwantu ghal Lm150.84c bhala spejjes gudizzjarju tat-terz fil-kwaza deciza fuq riferita u kwantu ghal Lm97 bhala "policy excess" skond il-kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-partijiet.

Oltre s-sorte u l-imghax legali ta' 8% fis-sena fuq is-sorte b'effett mit-23 ta' Settembru 2004 sad-data tal-effettiv pagament, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-kawza li jinkludu l-ispejjes tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 2001 u l-ispejjes tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 2004.

Il-konvenut jibqa` ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi preliminarjament s-socjeta` attrici ghandha tispecifika b'mod car x'kien l-ammont pretiz minnha stante li mhux car x'qieghdha tippretendi bhala hlas.

Illi bla pregudizzju ghall premess l-eccipjent ma kien jahti xejn ghall-incident awtomobilistiku u f'kwalunkwe kaz ghandu jigi kjamat fil-kawza Gordon Borda li kien is-sewwieq involut fl-incident imsemmi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ra n-nota ta' ammissjoni.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici ghal hlas tas-sorte u stante ftehim, il-kap tal-ispejjes jibqa bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------